MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2007

Numru 1139/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Jesmond J. Borg)**

**v**

**Adrian Muscat ta’ 23 sena bin Mario**
**u Mary Grace nee Borg, mwieled**
**Pieta’ nhar id-19 ta’ Frar, 1983 li joqghod**
**134, Triq Santa Katarina, Qormi, detentur**
**tal-karta tal-identita’ bin-numru 129983 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Adrian Muscat li gie akkuzat (a) talli fid-29 ta’ Awissu, 2006 ghall-habta tal-11.30 a.m. fi Triq l-Imdina, Zebbug bi vjolenza jew

b'theddid gieghel ufficjal pubbliku, u cioe PS 1579 John Mifusd, li jaghmel jew li ma jaghmilx xihaga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu (skond l-Art. 91 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(b) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, jigifieri PS 1579 Johan Mifsud, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz (skond l-artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

(c) aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi iggesta attivita' kummercjali barra mill-kundizzjonijiet li japplikaw ghal-licenzja mahruga skond il-permess ta' l-Izvilupp mahruga mill-Awtorita' rilevanti, billi pparkja vetturi, jkunu ta' xi jkunu t-tip, kummercjali jew le, godda jew uzati, ipparkjati f'post pubbliku ghal hsieb li jkunu esposti ghall-bejgh tal-vetturi (skond l-Avviz Legali 1 tal-2006 Art 13 (2 u 3) it-Tieni Skeda sub 5).

(d) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku

(e) Aktar talli qal kliem oxxen fil-pubbliku;

(f) Aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Ghaldaqstant il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi ghas-sigurta' ta' PS 1579 Johan Mifsud ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 13).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjonig hal tali proceduri, rat ukoll illi huwa wiegeb li kien hati, cioe ammetta l-akkuzi b, c, d, e, f.

Rat li l-partijiet qablu li fil-konfront ta' l-akkuza b kienet tirrizulta biss l-ingurja.

Semghet it-trattazzjonijiet dwar l-istess.

Ghaldaqstant qed issib lil Adrian Muscat hati ta' l-akkuzi b, c, d, e, f kif dedotti kontra tieghu, qieset ukoll illi l-akkuza a hija wahda alternattiva ghall-akkuza b. Rat ghalhekk l-artikoli 95, 338, 339 tal-Kapitlu 9, ukoll Avviz Legali 1/2006 Artikolu 13(2)(3) it-tieni skeda subinciz 5, rat ukoll l-artikolu 29 tal-Att tal-2001 u dan wara li rat l-artikolu 53 ta' l-imsemmi avviz Legali.

Rat ukoll l-artikolu 20 tal-Kapitlu 9 u ghalhekk l-artikolu 31 ta' l-imsemmi Kapitlu u ghalhekk qeghda tikkundannah ghal multa ta' mitt lira Maltin.

Rat l-artikolu 383 tal-Kapitlu 9 u qeghda torbtu bl-obbligazzjoni tieghu nnifsu ghal sena mil-llum u taht garanzija ta' mitt lira Maltin illi bl-ebda mod ma jivvessa, jimmolesta lil PS 1579 Johan Mifsud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------